MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2003

Numru 304/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**vs**

**NOEL PACE**

**Illum 21 ta' Lulju, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Noel Pace ta' 29 sena bin Baldassare u Irene nata Spiteri imwieled Attard fl 14 ta' Dicembru 1973 u residenti "Lepre Flats' Flat 1, New Dock Street Paola jew 13, Flat 2, Triq M.A. Vassalli Valletta detentur ta ID card numru 184374M gie akkuzat:

Talli fi proceduri kriminali dwar reat li sehh fit 28 ta' Novembru 2000, liema proceduri kienu fil-konfront tieghu u tal-mara tieghu Maria Dolores Pace mas-Seduta ta Hal Qormi, taha xhieda falza sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata;

U aktar talli fl-istes proceduri konkjuzi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit 23 ta' Settembru 2002, halef il-falz quddiem Magistrat u cioe quddiem il-Magistrat Dr Jaquiline Padovani LL.D.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RA3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammisjoni jew le u wara li rega' gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 105, 108 (1) (a) u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Noel Pace fuq ammissjoni hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Noel Pace ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Noel Pace jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda timponi fuq l-imputat Noel Pace interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien ta' ghaxar (10) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Noel Pace l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------